Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 252 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Joseph Carmel Francis Wells

Illum 30 ta' Novembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Carmel Francis Wells detenur tal-karta tal-Identita Maltija 69055 G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-18 ta' Marzu 2015 u fi granet diversi qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer;

1. Fil-posizzjoni tieghek ta' principal tajt fastidju lil impjegata tieghek Claudine Fenech billi assoggettajtha ghal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampati jew materjal iehor, li rigward dik il-persuna huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali li jistghu ragonevolment jitqiesu

bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna (Art 29 Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 29 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijet Industrijali, tajt fastidju sesswali lil Claudine Fenech (Art 9 Kap 456 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 29 u 32 tal-Kapitolu 452, l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 456 u l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijet kif dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal multa ta' elfejn euro (€2,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Carmel Francis Wells, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwetement TILLIBERAH minnhom;** jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat **Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**Apprezzament Zbaljat tal-Provi u Apprezzament u Interpretazzjoni Zbaljat tal-Ligi applikabbli.**

Illi fl-ewwel lok jigi sottomess illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti **bilfors** li ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha, biex ikkonkludiet illi l-appellant ghandu jinstab hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu. Dan qed jinghad in vista tal-fatt illi kien car u manifest illi it-tliet (3) xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' Claudine Fenech, Sharon Fenech u Christian Pace ma kienu kredibbli xejn. Filfatt, a kuntrarju ta' dak ddikjarat fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, dawn lanqas biss mqar qablu bejniehtom fil-verzjoni illi huma taw quddiem il-Qorti. Infatti, jinghad minghajr tlaqlieq, illi f'dan il-kaz kien impossibli ghall-Qorti li tasal ghal sejbien ta' htija kieku wieznet u gharblet sewwa u bir-reqqa, id-depozizzjonijiet tat-tliet (3) xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-kaz taghhom.

F'dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti ta' Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.** Ghalkhemm il-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **il-Pulizija v. Noel Buhagiar**, deciza fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t'apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi**, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017*):*

> Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002]…

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** (1969):

*court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including*

*the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Jibda biex jinghad, illi Sharon Fenech, li tigi oht il-parte civile Claudine Fenech, effettivament ma tantx xehtet dawl dwar l-allegat fastidju illi l-appellant ta lil ohtha. Filfatt, kif gie ribadit quddiem l-Ewwel Qorti, x-xhieda taghha, fil-maggior parti taghha kienet aktar tikostitwixxi *detto del detto* u cioe' dak li suppost qaltilha ohtha Claudine, milli fatti relevanti ghall-kaz. Filfatt, Sharon, qatt ma rat xejn. Ioltre, minn dak li xehdet Sharon, isahhet aktar il-verzjoni tad-difiza, u cioe illi dak li seta' kien qed jigri bejn l-appellant u l-ahwa Fenech, ma kienx fastidju, izda relazzjoni ta' hbiberija, li kienet gejja min-naha tat-tnejn. Filfatt, Sharon Fenech xehdet illi hija kienet accettat diversi flus u rigali minghand l-appellant, fosthom anke *mobile phone* ta' l-ghamla *Apple i-phone*.

**Jista din l-Onorabbli Qorti temmen il-verzjoni taz-zewg (2) xhieda ahwa Fenech, u cioe li huma kienu qed jigu t-tnejn li huma soggetti ghal fastidju sesswali kontinwu, li beda mill-bidu tal-impjieg taghhhom, u wassal sabiex anke skond Claudine Fenech, tispicca bil-kalmanti, umbghad fl-istess nifs jammettu illi l-appellant kien ta kull jum iwassalhom id-dar, ihalsilhom il-kreditu tal-mobile, isellifhom il-flus, jaghtihom il-flus, kif ukoll jaghtihom ir-rigali!?**

Illi jigi sottomess illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat qatt ma jistghu jissusistu, u dan peress illi l-volonta' ta' dawn it-tnejn min-nies u cioe' dik tal-appellant u ta' Claudine Fenech, l-impjegata, ma kienux opposti kif rikjest taht miz-zewg imputazzjoni migjuba kontra l-appellant. Filfatt, Claudine Fenech stess xehdet illi hija kienet marret fid-dar ta' l-appellant u li anke kienet thallih iwassalha d-dar.

F'dawn it-tip ta' reati, il-volonta' tas-suggett attiv u dak tal-vittma tieghu, ghandhom ikun opposti fis-sens illi l-azzjoni necessarjament trid issir kontra il-volonta' jew ix-xewqa tal-vittma. Illi filfatt l-artikolu 29 tal-Kapitolu 452 jiddisponi testwalment:

L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju lil impjegat iehor jew jaghti fastidju lil principal billi jassoggetta lil dik il-persuna ghal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta'kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, li rigward dik il-persuna huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistghu u ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.

**Il-ligi fil-fatt tuza ripetutament it-test *jassoggetta* jew *tassogetta* b'dan ghalhekk irid jigi imfisser illi persuna qed tigi imgieghla taghmel, jew tassogetta ruhha ghal affarijiet KONTRA L-VOLONTA TAGHHA u iktar 'il quddiem imbaghad hemm imfisser car illi l-azzjoni trid tkun tali illi tkun wahda 'mhux mixtieqa' mill-vittma.**

Kuntrarjament, f'dan il-kaz, irrizulta car illi l-istess parte civile, kienet qed tiehu gost bl-attenzjoni moghtija lilha mill-appellanti, tant illi kienet taghtih il-wicc.

L-istess jinghad ghall-imputazzjoni l-ohra migjuba kontra l-appellant ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 456 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe dik tal-fastidju sesswali. Ma jista' qatt jirrizulta l-element tal-fastidju sesswali, meta jidher illi l-istess parte civile kienet qed tiehu gost bl-attenzjoni tal-appellant. Kif jista wiehed qatt jemmen lil parte civile li kienet qed tidejjaq b'dan kollu, meta hija stess accettat li tmur tiekol mal-appellant. Forsi wiehed jasal jemmen illi Claudine Fenech, issaportiet dan l-allegat agir, fuq il-post tax-xoghol taghha, ghax kellha bzonn il-flus u ma setghetx taghmel mod iehor peress illi skond hi kienet tiehu hsieb huha minuri, pero li marret tiekol mieghu u

sahansitra marret id-dar tieghu, u dahlet fil-kamra tas-sodda tieghu, ma tantix tidher illi kienet qed tidejjaq.

Fis-sentenza fl-ismijiet, **<u>Il-Pulizija vs Colin Mifsud</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011), l-Imhallef Grima irrabidit propju l-importanza ta' dan il-fattur, u sahqet illi sabiex jissustixxi r-reat taht dawn l-artikoli **<u>necessarjament ma jridx ikun hemm certu kunfidenza bejn iz-zewg partijiet</u>**:

> Il-Qorti madanakollu trid tanalizza x'kien qed jigri bejn Baldacchino u l-imputat u mhux bejn l-imputat u terzi ghaliex ghalkemm jista' ikun minnu illi huwa kien jaghmel xi avvanzi sesswali fuq tfajliet ohra li kienu jammontaw ghal fastidju, madanakollu b'dana ma ifissirx illi l-imgieba tieghu fil-konfront tal-parti leza f'dana il-kaz kien jammonta ghal fastidju sesswali wkoll jew ghal xi attentat vjolenti fuq il-pudur taghha. Jekk il-volonta' ta' Baldacchino ma kenitx opposta ghal dik ta'l-imputat allura ghalkemm jista' ikun illi kien hemm tfajliet ohra li ma kenux qed jiehdu pjacir blavvanzi ta'l-imputat, jista' jaghti il-kaz illi l-parti leza ma kenitx qed tiddejjaq b'dina l-imgieba…
>
> …Illi mix-xhieda ta'l-imputat johrog ukoll illi l-mod kif kienu jitkellmu l-imputat u Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 9 minn 9 Qrati tal-Gustizzja Baldacchino bejniethom ma kienx diskors ta' bejn superjur u impjegata, izda kien diskors ta' certu kunfidenza bhal per ezempju meta l-imputat kien ighaddi rimarki fuq l-ilbies ta' taht ta' Baldacchino. Tant kien hemm kunfidenza bejniethom fuq il-post tax-xoghol illi sahansitra jidher illi kien hemm terza persuna injota illi kienet kixfitha ma' l-gharus u missier l-gharus taghha li hekk kif

saru jafu b'dan marru jaffrontawha fuq il-post tax-xoghol u hawnhekk Baldacchino stqarret maghhom illi kien l-imputat li kien qed jaghtiha fastidju. Illi ghalkemm l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-imgieba ta'l-imputat fil-konfront ta'l-impjegati subalterni tieghu, bhala *manager* fuq il-post tax-xoghol ma hija xejn ezemplari, madanakollu mill-provi akkwizti f'dana il-process hemm dubbju dettat mir-raguni jekk fil-kaz in dizamina sehhx l-allegat abbuz fil-konfront tal-parti leza Joanna Baldacchino.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba filkonfront tieghu.

Ta' min wiehed isemmi wkoll, illi x-xhud Claudine Fenech, waqt id-depozizzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti, lanqas biss qablet mal-verzjoni moghtija minnha stess lil Pulizija. Possibli illi perjodu li suppost tant kien trawmatiku ghaliha, nsietu?! U dan mhux qed jinghad ghal xi dettalji zghar ta, li huwa koncess li wiehed jinsa maz-zmien, izda fis-sustanza, fejn hija sahansitra nsiet dak li kienet sqarret mal-Pulizija a *tempo vergine* rigward incident fejn suppost l-appellant talabha turih sidirha.

Kif tghallimna ben tajjeb il-gurisprudenza nostrana, fil-kamp kriminali trid tingieb l-ahjar prova mill-Prosekuzzjoni. Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija nhar il-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn(2002) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Superjuri):

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq

> prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli…

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri, w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale, Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890: *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi inoltre, jekk wiehed iwarrab il-fatt tall-kredibilita *o meno* tax-xhieda, xorta jirrizulta illi l-kaz tal-prosekuzzjoni ma gie sorrett minn ebda prova ohra, inkluz provi li setghu facilment jigu prodotta quddiem l-Ewwel Qorti. Illi, ezempju, minkejja l-fatt illi Claudine Fenech ilmentat minn numru konsiderevoli ta' messaggi ta' fastidju lilha, minn l-appellant, ma ngibet ebda xrara ta' prova ta dan kollu. Dan ghaliex, jekk forsi Claudine ma kienx ghad kelllha dawn il-messaggi fil-pussess taghha, anke minhabba t-trapass ta' zmien fejn persuna facilment jibdel il-*mobile* tieghu, xejn ma zamm lil prosekuzzjoni milli ggib prova ta' dan mod iehor, billi tingungi rapprezentant tas-socjetajiet tat-telefonija, bhala prova ta' l-istess messaggi u telefonati, mibghuta lil Claudine minn l-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qed jiffaccja zewg akkuzi li t-tnejn jitkellmu dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol, bl-ewwel akkuza imsejsa fuq il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dik il-ligi li tirregola l-imjiegi u r-relazzjonijiet industrijali u l-Kapitolu 456 li imbaghad thares l-ugwaljanza bejn is-sessi, maghrufa ahjar bhala il-Gender Discrimination Act, bl-ghan ta'l-ewwel ligi tkun dik illi tirregola r-relazzjonijiet fuq il-post tax-xoghol u l-ohra illi ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess jew orjentazzjoni sesswali.

Issa l-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti definizzoni mill-iktar ampja dwar dak li jikkostitwixxi il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. F'dawn ir-reati kollha il-

volonta' tas-suggett attiv u dak tal-vittma tieghu ghandhom ikun opposti fis-sens illi l-azzjoni necessarjament trid issir kontra il-volonta' jew ix-xewqa tal-vittma. Illi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 452 jiddisponi testwalment:

*"1. L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju lil impjegat iehor jew jaghti fastidju lill-principal billi jassoggetta lil dik il-persuna ghal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta'kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, li rigward dik il-persuna huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistghu u ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.*

*2. L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lil impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejha "l-vittma") billi -*

*(a) jassoggetta l-vittma ghal att ta' intimità fizika; jew*

*(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew*

*(c) jassoggetta l-vittma ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, fejn -*

*(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jiqiesu bhala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma;*

*(ii) il-vittma tigi ttrattata b'mod differenti, jew jista' ragonevolment jigi anticipat li l-vittma tista' tigi hekk trattata, bhala rizultat tat-tichid jew is-sottomissjoni taghha ghal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta.*

Il-ligi fil-fatt tuza ripetutament it-test "jassoggetta" jew "tassogetta" b'dan ghalhekk irid jigi imfisser illi persuna qed tigi imgieghla taghmel affarijiet kontra il-volonta' taghha u iktar 'il quddiem imbaghad hemm imfisser car illi l-azzjoni trid tkun tali illi tkun wahda 'mhux mixtieqa mill-vittma'.

Illi illum l-legislatur, bl-implimentazzjoni tad-direttivi tal-Unjoni Ewropeja dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, jindirizza l-problema tad-diskriminazzjoni bejn is-sessi kkaratterizzat ukoll bil-fastidju sesswali u l-konsegwenzi li dan jista' igib mieghu fil-

hafna oqsma tal-hajja b'mod ewlieni fuq il-post tax-xoghol, fil-qasam tas-servizzi socjali, fl-ghoti ta' diversi beneficcju fosthom bankarji, fil-qasam tal-edukazzjoni, fost ohrajn biex b'hekk il-qafas legslattiv ra l-introduzzjoni ta' l-Att dwar l-Ugwaljanza ghall-Irgiel u in-Nisa, liema ligi dahhlet fis-sehh permezz ta'l-Att numru I ta'l-2003. Fil-fatt l-appellanti qieghed jigi imputat ukoll b'dan ir-reat fejn l-artikolu 9 similment ghal dak imfassal fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 452 jiddisponi hekk:

*"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 29 tal-Att Dwar l-impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali persuni ma jistgħux jagħtu fastidju sesswali lil xi persuni oħra, jiġifieri:*

*(a) li jassoġġettaw lil persuni oħra jagħmlu xi att ta' intimità fiżika; jew*

*(b) li jitolbu favuri sesswali mingħand persuni oħra; jew*

*(ċ) li jassoġġettaw lil persuni oħra għall-għemil ta' xi att jew it-twettieq ta' xi mġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem mitkellma, mossi jew l-għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi jew xi materjal ieħor, meta l-att, il-kliem jew l-imġieba ma jkunux jogħġbu lill-persuni li jkunu ndirizzati lejhom u jkunu jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala li huma offensivi,*

*umiljanti jew intimidatorji fir-rigward tal-persuni li jkunu diretti lejhom, jew*

*(d) meta l-persuni hekk assoġġettati jew mitluba jiġu ttrattati b'mod anqas favorevoli minħabba f'li għax dawk il-persuni jkunu ċaħdu jew ċedew għal dak l-assoġġettament jew talba, jista' jkun raġonevolment antiċipat li dawk il-persuni jkunu se jiġu ttrattati b'dak il-mod.*

Illi fid-dibattitu parlamentari li kien sar qabel il-promulgazzjoni tal-ligi fid-diskors ta'l-Onorevoli Lawrence Gonzi li f'dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' agent prim ministru jinghad:

**"Punt importanti ieħor li tittratta din il-liġi għandu x'jaqsam mal-fastidju sesswali. Dan huwa punt li ttrattajnih diġà fil-liġi dwar ix-xogħol pero' dehrilna li għandna nittrattawh ukoll f'din il-liġi. Fil-fatt fi klawsola 2 insibu d-definizzjoni tal-kliem "fastidju sesswali" u klawsola 9 titkellem fid-dettall ħafna dwar dan. ….. Jien ma nixtieqx intawwal ħalli ma neħux ħafna ħin tal-Kamra pero' qegħdin**

**ngħidu li fastidju sesswali jista' jfisser ċajt li m'għandux isir u aġir li bih wieħed joffendi l-pudur jew il-kumdità tiegħu fuq il-post tax-xogħol."**

Illi insibu definizzjoni ukoll ta' dak li jikkostitwixxi l-fastidju fuq il-post tax-xoghol fil-Gender Recast Directive 2006/54 fl-artikolu 2(1)(c) bhala dik l-imgieba fejn:

"*unwanted conduct related to the sex of a person occurs with the purpose or effect of violating the dignity of a person, and of creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating or offensive environment.*'

Imbaghad l-artikolu 1(d) ifisser x'inhu il-fastidju sesswali bhala dik l-imgieba fejn:

'*any form of unwanted verbal, non-verbal or physical conduct of a sexual nature occurs, with the purpose or effect of violating the dignity of a person, in particular when creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating or offensive environment.*'

B'dawn id-definizzjonijiet tant wiesgha li il-ligi kemm dik lokali kif ukoll fuq livell ewropej tfassal, illum il-kuncett tal-fastidju in generali u b'mod specjali dak sesswali allura jinkludi kwalunkwe azzjoni li issarraf fil-vjolazzjoni tad-dinjita tal-persuna u l-holqien ta' ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti u offensiv fuq il-post tax-xoghol, bil-fastidju sesswali allura iwassal ghall-imgieba mill-awtur tar-reat intiz sabiex jikseb xi favuri sesswali minn ghand il-vittma tieghu. Hija allura dina l-imgieba illi l-ligi tfittex biex trazzan u tissanzjona.

Issa din il-Qorti kellha ix-xorti terga' tisma' x-xhieda mismugha mill-Ewwel Qorti mill-gdid. Illi ma hemmx dubbju illi l-imgieba li tiddeskrivi il-parti leza Claudine Fenech, kienet imgieba li taqa' sewwasew fid-definizzjonijiet hawn fuq imfissra bl-appellanti allegatament ighid kliem mhux xieraq lil parti leza u ukoll jaghml avvanzi sesswali fil-konfront taghha. Illi l-parti leza, tghid car u tond illi l-avvanzi sesswali li kien qed jaghmel fil-konfront taghha l-appellanti ma kenux mixtieqa minnha. Jikkorroboraw dan l-istat ta' fatt hemm imbaghad ix-xhieda tal-gharus taghha Christian Pace u ta' ohtha Sharon Fenech li kienet ukoll impjegata ma'l-appellanti u li ukoll sofriet trattament simili. Din l-imgieba hija imfissra fis-sentenza impunjata li din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn toqghod tirrepetieha.

Illi għalkemm l-appellanti jikkontendi fl-aggravvji imqanqla illi x-xhieda ta' dawn it-tlieta minn nies ma hijiex waħda kredibbli u li allura mhuwiex minnu illi huwa kien jassoġġetta lill-appellanti għal dan il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, madanakollu, kif *del resto* kellu dritt illi jagħmel, huwa ma joffrix ix-xhieda tiegħu u lanqas ma iressaq ebda xhud ieħor biex jikkontradixxi dak illi jgħidu kemm il-parti leża kif ukoll oħtha. L-uniku verżjoni li għandha il-Qorti minn naħa ta'l-appellanti hija dik li hemm imfissra fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija fejn huwa jiċħad li qatt ta xi fastidju sesswali lill-Fenech għalkemm jistqarr illi huma kienu ħbieb u kienu jikkonfidaw f'xulxin dwar l-affarijiet personali f'ħajjithom. Kien anke għin lil Fenech finanzjarjament peress illi kienet stqarret miegħu li kellha problemi familjari. Madanakollu għal xi raġuni inspjegabbli huwa jgħid li għadda is-somma ta' €10000 lill-appellanti wara li ġie rikattat mill-għarus tagħha li kien ser jikxfu mal-mara u isemmalha xi *recording* li kien fil-pussess tiegħu. Jgħid hekk l-appellanti:

"Sharon tajtha 7000 euro cash biex ma titkellimx ..."

Jgħid ukoll illi qatt ma irrapporta lill-pulizija dwar dan ir-rikatt għax beża' li jiġri xi ħaġa.

Dawn l-affermazzjonijiet, allura, iwasslu lil din il-Qorti temmen illi huwa minnu li kien hemm imġieba mhux xierqa bejn l-appellanti u l-parti leża, imġieba li tmur oltre dik l-imġieba mistennija bejn prinċipal u l-impjegat tiegħu. Illi ma hemmx dubbju illi l-appellanti abbuża mill-fraġilita u il-vulnerabbilita tal-parti leża meta din kienet, kif qal hu stess, tiftaħ qalbha miegħu dwar il-problemi familjari li kellha tant illi huwa ħass li seta jabbuża minnha billi jitlob favuri sesswali minn għandha u dan billi iħajjarha tagħmel dan bl-għoti ta' diversi rigali. Illi x-xiri ta' rigali allura, meta dawn ma kenux dovuti, bħala ħlas għax-xogħol li kienet qed twettaq l-appellanti, huma indikazzjoni tal-volonta ta'l-appellanti illi l-imġieba tiegħu fil-konfront tal-parti leża u oħtha tmur lil hinn minn dik l-imġieba li kienet mistennija minnu bħala il-prnċipal tagħhom biex b'hekk ħoloq ambjent umiljanti, degradanti u ostili fuq il-post tax-xogħol meta kien qed jitlob dawn il-favuri sesswali mill-parti leża li speċjalment tassoġġetta ruħha għal dan il-fastidju. Illi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, allura ma tara l-ebda mottiv 'il għala hija ma għandhiex tagħti affidament lill-

verzjoni tal-parti leza u tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, iktar u iktar meta l-appellanti lanqas fuq bazi tal-probabbli ma jirnexxielu jikkonvinci lil din il-Qorti b'dak li jikkontendi.

Illi maghmula ghalhekk din l-esposizzjoni fattwali u ta' dritt, din il-Qorti ma tarax illi l-appellanti jista' ikollu ragun fl-aggravvji minnu intentati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

Edwina Grima

Imhallef